29 SEP 2023

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 583**

**It-Tlieta 29 t'Awwissu 2023**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.20 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech – Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Angelo Scicluna – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Ghislaine Bongailas Zahra - Kunsilliera

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

### 583.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

583.1.1 Inqraw ittri ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku, mis-Sur Mark Grech u mis-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku, is-Sur Mark Grech u is-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra jkunu skużati.

### 583.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

583.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-minuti tal-582 laqgħa tal-Kunsill ġew unanimament approvati.

### 583.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

583.3.1 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza li s-Segretarju Eżekuttiv kitbet lis-Sindku u lill-Kunsillieri rigward tiġdid tal-*vacation leave*. Dan peress illi minħabba pressjoni u esiġenzi ta' xogħol ma kienx possibbli għaliha li tagħmel użu sħiħ mill-*entitlement* tal-*vacation leave* tagħha u għalhekk talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex iġedded il-massimu ta' *vacation leave* għas-sena 2024. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jirrakkomanda lid-Direttur Generali għall-Gvern Lokali biex japprova dan it-tiġdid.

583.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li x-xogħlijiet maġġuri li kienu għaddejin fit-toroq tal-lokalità kienu twaqqfu temporanjament minħabba l-ġranet tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja filwaqt li x-xogħol infrastrutturali fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa kien tkompla. Is-Sindku spjega li l-waqfa kienet pass meħtieġ biex tiġi żgurata s-sigurtà tar-residenti u biex jiġu akkomodati l-attivitajiet marbuta mal-festa. Ix-xogħlijiet mistennija jerġgħu jibdew wara l-ġranet tal-festa. Barra minn hekk, is-Sindku ta aġġornament dwar ix-xogħol infrastrutturali li għaddej fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa u qal li x-xogħol f'din iż-żona miexi kif ippjanat u ser ikompli mingħajr interruzzjoni.

583.3.3 Is-Sindku qal illi kien tlesta x-xogħol tar-*railing* tal-ħadid fi Triq iċ-Ċawsli u saru diversi xogħlijiet ta' manutenzjoni permezz tal-ħaddiema tal-Kunsill.

583.3.4 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kienx sar ix-xogħol ta' friskar ta' żebgħa fit-toroq kollha li saru minn Infrastruttura Malta. Dan peress illi kien hemm xi wħud li kienu lmentaw li ż-żebgħa f'ċertu toroq saru fil-pront filwaqt li f'toroq oħrajn kien hemm dewmien fit-twettiq ta' dan ix-xogħol. Is-Sindku spjega li l-implimentazzjoni taż-żebgħa fit-toroq ta' madwar l-iskola kienu ħadu aktar fit-tul minħabba li kien sar *traffic management* u tibdil fil-ġestjoni tat-traffiku f'dawn it-toroq.

**583.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

583.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sottokumitat.

**583.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

583.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-26 ta' Lulju 2023 u l-23 t'Awwissu 2023 li kienet tammonta għal €120,325.26.

**583.6 Festa f'Ħaż-Żabbar**

583.6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-applikazzjoni għal twaqqif u tqegħid ta' gabbani kienu ġew milqugħa. Is-Sindku qal li l-permessi tal-barijiet ġew mgħoddija lill-pulizija u li dawn ġew approvati minn naħa tagħhom, skont il-parametri tal-liġi. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva xi applikazzjonijiet għal-tqegħid ta' posti u kjosks wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjoni. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-applikazzjonijiet li ġew sottomessi wara d-data tal-għeluq.

583.6.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu ser jinkrew madwar 24 *mobile toilet* u ser jitpoġġew f'postijiet differenti f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien qed jiddiskuti mal-kuntratturi sabiex jieħdu ħsieb it-tindif matul il-ġranet tal-festa.

583.6.3 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti dwar iż-żjara uffiċjali tad-delegazzjoni Ġermaniża li tkun qed iżżur Ħaż-Żabbar għal żmien il-festa. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsillieri sabiex jakkumpanjaw lid-delegazzjoni matul iż-żjara tagħhom. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-ikla għall-membri tal-Kunsill u għad-delegazzjoni Ġermaniża li ser tkun qed iżżur Ħaż-Żabbar għal żmien il-festa.

**583.7 Ittri legali**

583.7.1 Fis-6.37 ta' filgħaxija l-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti sabiex id-diskussjoni issir fi stadju ta' kumitat. Fis-6.43 ta' filgħaxija il-laqgħa tkompliet.

583.7.2 Is-Sindku rrefera għal allegatament inċident li seħħ fi Triq il-Kbira fejn sid il-vettura XAM192 talab kumpens ta' €141.60 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu ma' *bollards* tal-ħadid li qegħdin fit-triq u qal illi l-Kunsill kien intalab parir mingħand l-avukat. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [1]

**583.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

583.8.1 Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-membri preżenti li fit-12 t'Ottubru 2023 kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani.

583.8.2 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi s-Sotto Kumitat tal-Anzjani kien innomina lis-Sur Carmel Mizzi għall-Premju Anzjanità Attiva. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Carmel Mizzi jiġi nnominat għall-Premju Anzjanità Attiva.

583.8.3 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet meta kien ser jibda l-proġett f'Misraħ San Nikola. Is-Sindku qal illi kien hemm xi problemi minħabba l-permessi.

583.8.4 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet meta kienet ser issir il-*junction* il-ġdida fi Triq Villabate. Is-Sindku spjega li bħalissa kienu għaddejjin diversi proġetti maġġuri fil-lokalità u kien qed isir ix-xogħol infrastrutturali fi Triq Wied il-Għajn. Is-Sinjura Calleja semmiet il-ħtieġa li x-xogħol jinbeda fl-iqsar żmien possibli minħabba li kien hemm periklu għas-sewwieqa. Is-Sindku qal li mhux minnu li kien hemm periklu u żied jgħid li permezz tal-*junction* il-ġdida kienet ser titjib is-sigurtà.

583.8.5 Is-Sur Joseph Agius qal li fi Ġnien Tamara Psaila kien hemm bżonn ta' manutenzjoni. Is-Sindku qal illi mistenni jsir xogħol ta' manutenzjoni u li kien ser jinqala' l-arblu ornamentali wara li tgħaddi l-festa tal-Madonna tal-Grazzja.

583.8.6 Is-Sur Joseph Agius irrefera għal talba minn resident li wera x-xewqa li jiltaqa' mal-Kunsillieri sabiex iressaq xi suġġerimenti li kellu għall-Kunsill. Is-Sindku qal illi idealment il-Kunsill għandu jkun jaf dwar liema materji kien ser jiddiskuti dan ir-resident. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jkun jaf in-natura tal-materji li r-resident biħsiebu jiddiskuti qabel ma ssir din il-laqgħa. Dan ikun jippermetti lill-Kunsillieri jippreparaw u jimpenjaw ruħhom b'mod aktar effettiv waqt il-laqgħa.

**583.9 Mozzjonijiet**

583.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**583.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

583.10.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 28 ta' Settembru, 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

583.10.2 Il-laqgħa spiċċat fis-6.52 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA
Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-584 laqgħa li saret nhar il-Ħamis 28 ta' Settembru, 2023.

IFFIRMATA
Jorge Grech
Sindku